

## I

(Atti leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2023/144 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2023

**dwar it-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-tħassir tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 li jispeċifika l-entrati li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kkonfermaw fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet <sup>(3)</sup> l-impenn konġunt tagħhom sabiex jaġġornaw u jssimplifikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Huwa xieraq li jiġi analizzat b'mod regolari l-*acquis* tal-Unjoni sabiex ikun jista' jiġi aġġornat u, fejn possibbli, jitnaqqas fil-volum. It-tħassir ta' leġiżlazzjoni li ma għadhiex valida jgħin biex il-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni jinżamm trasparenti, ċar u faċli sabiex jintuża mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.
- (3) Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill <sup>(4)</sup> jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-infiq fuq l-infrastruttura għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll dwar il-prospetti relatati mal-użu ta' tali infrastruttura.
- (4) Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 jinkludi dispożizzjonijiet u definizzjonijiet li ma għadhomx validi, u huwa inkonsistenti u inkompatibbli ma' atti legali tal-Unjoni aktar reċenti li bħalissa huma fis-seħħ li jobbligaw lill-Istati Membri jirrapportaw dwar id-*data* dwar l-investment fl-infrastruttura tat-trasport u l-użu tal-infrastruttura.

<sup>(1)</sup> Opinjoni tas-26 ta' Ottubru 2022 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2022.

<sup>(3)</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1970 li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 130, 15.6.1970, p. 4).

- (5) Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 huwa assoċjat ma' diffikultajiet amministrattivi eċċessivi fil-ġbir tad-*data* meħtieġa minn dak ir-Regolament. Mill-2005, erba' Stati Membri biss ipprovdeu tali *data*.
- (6) Għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 jenħtieġ li jitħassar sabiex jiġu eliminati l-inkonsistenzi fl-ordni güridiku tal-Unjoni u sabiex jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi jiġi eliminat att legali li issa ma għadux validu.
- (7) Peress li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 <sup>(<sup>5</sup>)</sup> jimplementa r-Regolament (KEE) Nru 1108/70, l-għan tiegħu ser jintemm bit-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 851/2006 jenħtieġ li jitħassar ukoll,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1108/70 u (KE) Nru 851/2006 huma mħassra.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-18 ta' Jannar 2023.

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
R. METSOLA

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. ROSWALL

---

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 tad-9 ta' Ġunju 2006 li jispeċifika l-entrati li jridu jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 (ĠU L 158, 10.6.2006, p. 3).